2025/1278

26.6.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/1278

tas-26 ta' Ġunju 2025

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2024/2642 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/2642 tat-8 ta' Ottubru 2024 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2024/2642.

(2) L-Unjoni tibqa' soda fil-kundanna tagħha tal-attivitajiet malinni tar-Russja diretti kontra l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha, organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi terzi.

(3) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li tiżdied persuna fiżika waħda mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/2642.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2024/2642 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/2642 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ġunju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

A. SZŁAPKA

[1] ĠU L, 2024/2642, 9.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2642/oj.

ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/2642, taħt l-intestatura “A. Persuni fiżiċi”, tiżdied l-entrata li ġejja:

	Isem	Informazzjoni ta’ identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
“38.	Nathalie YAMB	Data tat-twelid: 22.7.1969 Post tat-twelid: La Chaux-de-Fonds, Switzerland Nazzjonalità: Żvizzera u Kamerunjana Sess: mara	Nathalie Yamb hija influwenzatur tal-media soċjali. Mis-summit ta’ Sochi li attendiet fl-2019, Nathalie Yamb kienet sostenitur miftuħ tar-Russja, adottat il-lingwa ta’ Moska u mmirat lil Franza u l-Punent b’mod partikolari, bil-ħsieb li jiġu esklużi mill-kontinent Afrikan. Hija għandha rabtiet speċifiċi mal-AFRIC, organizzazzjoni marbuta ma’ kumpaniji militari privati Russi. Għalhekk, Nathalie Yamb qed tappoġġa azzjonijiet jew politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni jew fl-Istati Membri tagħha billi tinvolvi ruħha fl-użu ta’ manipulazzjoni tal-informazzjoni.	26.6.2025”.